— Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002;

— Interpretazzjoni żbaljata tal-applikazzjoni għal privattiva EP 3 005 948 A2 u tal-applikazzjoni għal disinn multiplu tar-rikorrent Nru 1 431 829-0001-0010.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2021 – TestBioTech vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-605/21)**

(2021/C 471/74)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TestBioTech eV (Munich, il-Germanja) (rappreżentant: K. Smith, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2021, li tirrifjuta li tirrevoka jew temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-konvenuta (EU) 2021/61 [1], li permezz tagħha Monsanto Europe SA ġiet awtorizzata, taħt ir-Regolament IMĠ [2], tqiegħed fis-suq qamħirrum modifikat ġenetikament MON 87427 x MON 87460 x MON 89034 x MIR162 x NK603 u s-subkumbinazzjonijiet tiegħu fl-Unjoni;

— tordna kwalunkwe miżura oħra li hija tqis xierqa; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta naqset milli tagħmel kwalunkwe kunsiderazzjoni jew kunsiderazzjoni adegwata tal-impatt potenzjali tal-gene stacking fuq l-espressjoni tal-ġene flimkien ma' espożizzjoni għal kundizzjonijiet ta' nixfa u/jew naqset milli teħtieġ li ssir evalwazzjoni adegwata taħt kundizzjonijiet ta' nixfa.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta naqset milli tagħmel kwalunkwe kunsiderazzjoni jew kunsiderazzjoni adegwata tal-impatt potenzjali tal-gene stacking fuq l-espressjoni tal-ġene flimkien ma' applikazzjonijiet erbiċidi u/jew naqset milli teħtieġ evalwazzjoni adegwata taħt kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ripetuta u/jew għolja ta' erbiċidi.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn naqset milli tagħmel kwalunkwe kunsiderazzjoni jew kunsiderazzjoni adegwata tal-impatt potenzjali tal-gene stacking fuq il-kompożizzjoni tal-pjanti u l-karatteristiċi agronomiċi flimkien ma' espożizzjoni għal kundizzjonijiet ta' nixfa u applikazzjonijiet ta' erbiċidi.

---

[1] ĠU 2021 L 26, p. 12.

[2] Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432).